MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2007

Numru. 425/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN BORG**

**KONTRA**

**SHIRLEY CUTAJAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Shirley Cutajar ta’ 33 sena, bint Joseph u Jane nee’ Decelis, imwielda Tal-Pieta’ nhar is-26 ta’ April, 1972, residenti fil-fond Block 7, Flat 5, Triq l-Imhallef William Hardling, Pembroke, detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 183572(M);

Akkuzata talli matul ix-xhur li ghaddew, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. B’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh b’qerq ta’ iktar minn Lm1,000.00 (elf lira maltin), ghad-dannu ta’ Carmelo Muxi, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 674824(M), u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli approprijat ruhha billi dawret fi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe’ approprijat ruhha minn flejjes migbura, liema flejjes jammontaw ghas-somma ta’ iktar minn Lm1,000.00 (elf lira maltni), liema flejjes jappartjenu lil Carmelo Muxi, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 674824(M), u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilha taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, u dan bi ksur tal-Artikoli 293, 294, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U kif ukoll talli saret recediva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, nhar it-18 ta’ Gunju, 2003, u 22 ta’ Gunju 2004.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li rat l- Artikoli 18, 293, 294, 308, 309, 310, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Wara li semghet il-parte civile jiddikkjara li qed jirtira l-kwerela kontra l-imputata;
Wara li rat il-verbal tal-lum, u l-Artikolu 545 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tiddikkjara l-procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------